**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 28 ta' Novembru, 2022**

**Rikors Numru 103/2021**

**Mari Therese Cuschieri**

**Vs**

**Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Mari Therese Cuschieri** ippreżentat fis-7 ta' Ottubru, 2021, li permezz tiegħu ppremettiet is-segwenti:-

*Illi dan huwa appell ai termini tar-Regolament 4(11) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur) għad-deċiżjoni tat-Transfer of Residence Exemption Board ("il-Bord") maħruġa permezz ta' ittra datata 16 ta' Settembru 2021, kopja hawn annessa u mmarkata bħala "Dok A";*

*Illi fit-23 t' Awwissu 2021, l-appellanta issottomettiet talba sabiex tiġi eżentata mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq il-vettura propjeta' tagħha u ċioe Audi A3 S Line Final Edition TFSISA, bin-numru ta' reġistrazzjoni D16MTC ("il-Vettura") li l-appellanta daħħlet f' Malta wara li kienet ilha tirrisjedi fl-Ingilterra għal numru ta' snin u rrilokat lejn Malta flimkien mar-raġel tagħha is-Sinjur Michael Cuschieri sabiex jerġgħu jibdew jirrisjedu hawnhekk;*

*Illi fid-deċiżjoni tal-Bord datata 16 ta' Settembru 2021, l-appellanta ġiet mgħarfa li t-talba tagħha kienet ġiet rifjutata: Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Subsidiary*

*Legislation 368.01 under rule 4(3)(f) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta".*

*Illi l-appellanta ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord għar-raġunijiet sussegwenti;*

***Fatti***

*Illi l-appellanta irrilokat għal Malta flimkien mar-raġel tagħħa is-Sur Michael Cuschieri mill-Ingilterra f' Jannar 2021 fejn reġġhu saru residenti t'hawn Malta;*

*Illi fil-21 ta' Lulju 2021 il-konjugi Cuschieri daħlu f'Malta l-Vettura biex jibdew jużawha hawn Malta peress li ma baqgħux jgħixu l-Ingilterra;*

*Illi l-konjugi Cuschieri bdew mill-ewwel jiprovaw isibu l-informazzjoni neċessarja biex jaraw xi jrid issir biex il-vettura in kwistjoni tiġi reġistrata għall-użu f'Malta, iżda sabuha diffiċli biex jottjenu l-informazzjoni neċessarja;*

*Illi meta l-appellanta u r-raġel tagħha marru l-Awtorita' tat-Trasport biex jissottomettu l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-vettura fis-17 ta' Awwissu 2021, waħda mill-ħaddiema qaltilha li jista jkun li fil-każ tal-appellanta tapplika l-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni minħabba li kienet irrilokat għal Malta, u għalhekk l-appellanta talbet għal aktar informazzjoni fuq il-proċess biex tapplika għal din l-eżenzjoni;*

*Illi mill-informazzjoni li sabet u li inagħtat minn l-istess Awtorita' tat-Trasport, l-appellanta kienet tal-fehema li l-proċess tar-reġistrazzjoni u tal-applikazzjoni għall-eżenzjoni ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 kellhu jsir f'daqqa, u għalhekk minħabba li l-proċess li kellhu jsir tad-dwana għar-reġistrazzjoni tal-vettura dam aktar milli mistenni, l-appellanta u r-raġel tagħha nfurmaw lill-Awtorita' tat-Trasport permezz ta' telefonata u e-mail li minħabba dan id-dewmien, ma kienx ser ikun possibli li r-reġistrazzjoni bl-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vettura tiġi sottomessa fit-terminu stipulat u ċioe fi żmien tlettin (30) ġurnata minn meta waslet il-karozza f'Malta u talbu estensjoni tat-terminu, liema e-mail qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok B";*

*Illi l-Awtorita' tat-Trasport wieġbet lill-esponenti billi rrimarkaw illi peress li l-appellanta kienet għamlet kuntatt mal-Awtorita' fit-terminu stipulat, ingħatat estensjoni ta' tlettin (30) jum ieħor biex tkun tista tissottometti d-dokumenti neċessarji u dan kif jidher mill-email hawn annessa u mmarkata bħala "Dok Ċ";*

*Illi l-appellanta u r-raġel tagħha marru fl-uffiċini tal-Awtorita' tat-Trasport fit-23 t'Awwissu biex jissottomettu d-dokumenti kollha għar-reġistrazzjoni tal-Vettura u għall-eżenzjoni u ġew infurmata li l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni trid issir qabel ir-reġistrazzjoni u ma jistax issir kollox f'daqqa;*

*Għalhekk l-Awtorita' tat-Trasport ħadu biss l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni, liema applikazzjoni kellha tiġi mgħoddija lill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol biex tiġi kkunsidrata mill-Bord;*

*Illi l-appellanta u r-raġel tagħha, ikkuntatjaw direttament lil Ministeru biex ma jkunx hemm dewmien żejjed fl-iproċċessar tal-applikazzjoni, minħabba li diġa kienu ġabu estensjoni tat-terminu, imma irriżulta li l-applikazzjoni damet ħmistax biex waslet għand il-Ministeru, iżda huma ġew aċċertati minn uffiċjali fi ħdan il-Ministeru li f'każ ta' dewmien, ikunu jistgħu jingħataw estensjoni oħra;*

*Illi fis-16 ta' Settembru 2021 l-appellanta rċeviet l-ittra mill-Bord fejn ġiet mgħarrfa bid-deċiżjoni negattiva minħabba li kien skada t-terminu tat-tlettin (30) jum ai termini tar-regolament 4(3)(f) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01, għalkemm l-appellanti kienet ġabet estensjoni minn Transport Malta kif jidher fid-dokumenti annessi ma' dan ir-rikors;*
*Illi l-Vettura tissodisfa l-kriterji kollha ai termini tar-regolament 4(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 għajr li l-applikazzjoni ġiet sottomessa tlett (3) ijiem tard, wara li l-esponenti ġiet infurmata mill-Awtorita' tat-Trasport li ingħataw estensjoni tat-terminu ta' tlettin (30) jum applikabbli;*

***Talba***

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq esposti u għar-raġunijiet ulterjuri li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-appellanta qiegħda titlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-appellat Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol mogħtija fl-ittra datata 16 ta' Settembru 2021, u minflok jagħti l-eżenzjoni mitluba u dana salv kwalsijasi provvediment ieħor li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq u opportun, bl-ispejjeż kontra l-appellat.*

Ra r-risposta tal-**Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol** ippreżentata fis-26 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi l-aggravji tal-appellanti huma nfondanti kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kemm għar-raġunijiet li ser jiġu mogħtija f'din l-umli risposta kif ukoll minn dak li ser jirriżulta waqt it-trattazjoni tal-appell;*

2. *Illi r-raġuni ewlenija għalfejn il-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni (minn hawn il-quddiem imsejjaħ bħala l-'Bord') ċaħad l-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell kien propju għaliex, l-appellanti*

*issottomettiet it-tali applikazzjoni aktar tard minn tletin jum mid-data li fiha l-vettura tagħha wasslet f'Malta u dan bi ksur ta' dak li jipprovdi* ***Regolament 4(3)(f) tar-Regolamenti Dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.01);***

3. *Illi mingħajr ma għandu għalfejn jingħad, dan it-Tribunal għamilha ċara kemm-il darba li l-kriterji stabbiliti taħt* ***Regolament 4(3) tal-L.S. 368.01****, huma* *kumulattivi* *u* *tassattivi**, bil-konsegwenza li l-Bord ma jistax japprova applikazzjoni għall-eżenzjoni f'każ li wieħed mir-rekwiżiti ma jistax jiġi sodisfatt. Tant hu hekk li* ***Regolament 4(4)*** *tal-istess L.S. 368.01 jagħmilha ċara li: "L-eżenzjoni taħt is-subregola (1)* ***m'għandhiex tingħata*** *meta - (a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3)";*

4. *Illi bla ħsara għal dak ġia eċċepit, u minn kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, ma kien hemm xejn x'seta' żamm lill-appellanti milli tippreżenta l-applikazzjoni tagħha fit-terminu stipulat fil-liġi. Ir-raġuni għalfejn l-appellanti ma ppreżentatx it-tali applikazzjoni fil-ħin kienet konsegwenza ta' nuqqasijiet tagħha stess, u mhux konsegwenza ta' xi għotja ta' informazzjoni żbaljata;*

5. *Illi lanqas ma huwa minnu li l-appellanti ngħatat xi tletin jum estensjoni tat-terminu li fih l-applikazzjoni in mertu kellha tiġi ppreżentata. Minn kif jirriżulta mill-e-mail esebita flimkien mar-rikors tal-appell u mmarkata bħala '****Dokument Ċ****', l-unika deroga fit-terminu li ngħatat lill-appellanti kienet f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-vettura mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta. L-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' vettura huwa proċess indipendenti u separat mill-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni. B'hekk żgur li ma jistax jingħad li l-e-mail tal-20 ta' Awwissu tista' b'xi mod tiġi interpretata li estendiet it-terminu fir-rigward tal-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni. Terġa' u tgħid li anke s-suġġett tal-e-mail mibgħuta mir-raġel tal-appellanti, li ġiet annessa mar-rikors tal-appell u mmarkata bħala '****Dokument B'****, is-suġġett tat-tali e-mail kien "Thank you and* *Urgent help with vehicle registration**", u b'hekk ma kien hemm l-ebda indikazzjoni jew referenza lejn l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni;*

6. *Illi f'kull każ, it-terminu ta' tletin ġurnata kif impost bil-kriterju ta'* ***Regolament 4(3)(f) tal-L.S. 368.01*** *ma jistax jiġi mġedded fl-ebda ċirkustanza. Fil-fatt ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-liġi li toħloq xi eċċezzjoni għal dak ir-rekwiżit jew inkella tagħti xi forma ta' diskrezzjoni lill-Bord meta jiġi biex jimplimenta dak il-kriterju. Jiġi b'hekk li f'każ li l-Bord kellu japprova l-applikazzjoni tal-appellanti li ġiet ppreżentata aktar tard minn tletin jum wara d-data li fiha l-vettura ddaħlet f'Malta, il-Bord kien ikun qiegħed jaġixxi ultra vires u bi ksur tal-liġi;*

7. *Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord hija waħda korretta u m'għandiex tiġi mħassra kif mitlub mill-appellanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponent jgħaddi biex jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad l-appell tal-appellanti bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2022;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qiegħda titlob li dan it-Tribunal jirrevedi d-deċiżjoni notifikata lilha b'ittra datata 16 ta' Settembru 2021 mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar 'l isfel "il-Bord") fi ħdan il-Ministeru intimat permezz ta' liema ġiet mgħarrfa bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms Subsidiary Legislation 368.01 under rule 4 (3) (f) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption is to be made withing thirty days from the arrival of the vehicle in Malta."*

Illi mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrenti fit-23 ta' Awwissu, 2021, u esebita a fol. 25 *et sequitur* tal-proċess jirriżulta illi hija ddikjarat li hija ħadet ir-residenza tagħha f'Malta fl-1 ta' April 2021 u li l-vettura kienet mistennija li tasal f'Malta fil-21 ta' Lulju 2021. Jirriżulta wkoll illi ddikjarat li l-vettura ġiet reġistrata f'isimha fl-10 ta' Ġunju 2013.

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hija u żewġha għamlu tfittxija elettronika dwar x'kien hemm bżonn isir biex il-vettura in kwistjoni tiġi reġistrata hawn Malta. Madanakollu tgħid li dan ma kienx faċli għaliex kienu nvoluti diversi dipartimenti. Madankollu mis-sit elettroniku ta' Transport Malta sabu xi ftit gwida u pproċedew biex ħejjew l-applikazzjoni biex jirreġistraw il-vettura. Spjegat li meta fit-13 ta' Awwissu, 2021, hi u żewġha marru fl-uffiċini ta' Transport Malta hija ġiet infurmata li kienet eliġibbli biex titlob eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni. Għalhekk huma fittxew iktar informazzjoni u fid-19 ta' Awwissu, 2021, bdew

jikkorrispondu permezz tal-posta elettronika u fl-20 ta' Awwissu, 2021, irċeviet emejl mingħand ċerta Rita Mifsud li nfurmathom li kienu ngħataw estensjoni ta' tletin (30) ġurnata u huma fehmu li l-estensjoni kienet applikabbli kemm għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u kemm għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni. Għalhekk fit-23 ta' Awwissu, 2021, issottomettew l-applikazzjoni għall-eżenzjoni.

Ir-rikorrent xehdet ukoll illi l-informazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita` intimata hija konfużjonali għaliex tagħti x'tifhem illi l-proċess għar-reġistrazzjoni u għall-eżenzjoni huwa wieħed u mhux proċess separat.

**<u>Michel Cuschieri</u>**, ir-raġel tar-rikorrenti, ikkonferma dak kollu relatat minn martu filwaqt li qal li huma kienu taħt l-impressjoni li l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni kienet se timxi *in tandem* mal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni. Jispjega li ħadd minn Transport Malta ma qalilhom li ż-żewġ applikazzjonijiet kienu indipendenti minn xulxin.

Spjega li sar jaf b'dan kollu meta fit-23 ta' Awwissu, 2021, huwa mar biex jissottometti ż-żewġ applikazzjonijiet, fejn ġie nfurmat illi l-ewwel riedet tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni. Madanakollu huwa kien tal-impressjoni li ma kien hemm l-ebda diffikulta stante li kienu ngħataw tletin ġurnat estensjoni minn Transport Malta. Huwa spjega li segwa l-applikazzjoni mal-Ministeru għall-Finanzi u ġie infurmat minn Michael Zammit Munro li ma kellux għalfejn jinkwieta għaliex setgħu jingħataw estensjoni jekk kien hemm bżonn.

**<u>Michael Zammit Munro</u>,** *Chairperson* tal-Bord, spjega illi l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni tinsab fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta. Spjega li fl-istess applikazzjoni hemm imniżżel illi jekk wieħed jissottometti l-applikazzjoni tardivament, it-talba tiegħu għall-eżenzjoni tiġi miċħuda.

Illi r-rikorrenti ppreżentat ukoll *print outs* ta' dokumenti murija fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta u kif ukoll emejls skambjati ma' Michael Zammit Munro u mal-*Customer Care* ta' Transport Malta.

Illi l-Ministeru intimat ippreżenta wkoll Nota li magħha annetta tliet (3) *screenshots* tal-informazzjoni li tista' tinkiseb dwar l-applikazzjoni in kwistjoni minn fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tar-Regolament 4 (3) (f) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Eżenzjoni Mit-Taxxa Tar-Reġistrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur):-

***"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għall-eżenzjoni taħt is-subregola (1):***

**…**

***(f) meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta u l-vettura tkun għadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tasal Malta."***

Illi minn dak dikjarat fl-applikazzjoni għall-eżenzjoni jirriżulta s-segwenti, u ċioe`:-

1. Illi r-rikorrenti ttrasferiet ir-residenza tagħha hawn Malta fl-1 ta' April 2021;[1]
2. Illi l-vettura in kwistjoni waslet hawn Malta fi-21 ta' Lulju, 2021;[2]
3. Illi l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni ġiet sottomessa fit-23 ta' Awwissu, 2021;[3]

Illi fit-13 ta' Awwissu, 2021, ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa li setgħet tapplika għall-eżenzjoni in kwistjoni. Minn hemmhekk ir-rikorrenti u żewġha fittxew għal iktar informazzjoni u fid-19 ta' Awwissu, 2021, ir-raġel tar-rikorrenti kkomunika permezz ta' emejl ma' Transport Malta fejn talab estensjoni għar-reġistrazzjoni tal-vettura in kwistjoni peress li kienu se jiskadu t-tletin ġurnata konċessi lil individwu li jdaħħal vettura hawn Malta sabiex jirreġistra mal-istess Awtorita`.[4]

Transport Malta irrispondiet għal din l-emejl fl-20 ta' Awwissu, 2021, fejn infurmat lir-raġel tar-rikorrenti li kienet qiegħda tikkonċedi tletin ġurnata estensjoni għar-reġistrazzjoni.[5]

Illi r-rikorrenti tisħaq illi hija ġiet żgwidata rigward it-terminu ta' meta kellha tapplika għall-eżenzjoni u dana għaliex kienet taħt l-impressjoni li

---

[1] Kif jirrizulta minn Dokument MFE1 a fol. 26
[2] Ibid.
[3] Kif jirrizulta minn fol 24
[4] Dokument B a fol. 7
[5] Dokument C a fol. 15

l-istess terminu kien ġie mġedded minn Transport Malta bi tletin ġurnata oħra.

Illi dan it-Tribunal jifhem li r-rikorrenti ma kinitx familjari mal-proċedura tal-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni stante li fl-affidavit tagħha tgħid li kien biss fit-13 ta' Awwissu, 2021, li skopriet li setgħet tapplika għal tali eżenzjoni meta marret fl-uffiċini ta' Transport Malta biex tirreġistra l-vettura u dana wara li ġiet hekk infurmata minn uffiċjal ta' Transport Malta.

Illi mid-dokumenti esebiti mill-Ministeru intimat jirriżulta illi din l-informazzjoni setgħet faċilment tinkiseb minn fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta, f'liema sit hemm imniżżel il-kundizzjonijiet kollha u t-terminu *entro* liema wieħed kellu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni.[6]

Illi għalhekk fil-fehma tat-Tribunal minn riċerka fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta ir-rikorrenti setgħu jindunaw illi jeżistu żewġ proċessi separati għar-reġistrazzjoni u għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni. Jirriżulta illi mis-sit elettroniku ta' Transport Malta, u li tiegħu ġie ppreżentat *screenshot* a fol. 82, jirriżulta illi waħda mill-*headings* taħt is-sezzjoni *Registering and Licensing a Motor Vehicle* hija proprju dik intitolata *Transfer of Residence Scheme* li meta tiklikkja fuqha tieħdok fuq paġna fejn hemm *link* għall-applikazzjoni VEH 007 li proprju hija l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni. Il-*link* għar-reġistrazzjoni tal-vettura ma' Transport Malta hija waħda separata u bl-ebda mod ma hemm konfużjoni taż-żewġ applikazzjonijiet.

Illi għalhekk filwaqt li dan it-Tribunal jifhem li min ma jkunx midħla tal-proċess amministrattiv jista' jiltaqa' ma' xi problemi, ma huwiex tal-fehma illi kien hemm xi nuqqas da parti tal-entitajiet amministrattivi għall-fatt li l-applikazzjoni in kwistjoni ġiet sottomessa tardivament. It-Tribunal jirrileva illi l-informazzjoni kienet kollha a disposizzjoni ta' min ried japplika għall-eżenzjoni. Jirrileva wkoll illi mis-sit elettroniku ta' Transport Malta huwa ċar illi l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' vettura impurtata ġewwa Malta u l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni huma żewġ proċessi separati anke jekk informazzjoni dwarhom tista' tittieħed minn sit elettroniku uniku.

Illi għaldaqstant it-Tribunal isib li d-deċiżjoni appellata ttieħdet skont dak li tirrikjedi l-liġi u għalkemm huwa minnu li l-applikazzjoni ġiet

[6] Dokumenti MFE3 (a) u (b)

sottomessa tliet (3) ijiem biss tard, dan it-Tribunal m'għandux diskrezzjoni li jmur lil hinn mil-liġi u kwindi qiegħed jikkonvalida l-istess deċiżjoni appellata.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi, billi jiċħad l-appell tar-rikorrenti fit-termini hawn fuq enunċjati u konsegwentement jilqa' r-risposta tal-Ministeru intimat.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**